# IT-TNEJN U GHOXRIN HADD MATUL IS-SENA (2020) IL-MOGHDIJA TAS-SALIB TWASSAL GHALL-GLORJA

Contributed by Frans Galea
Saturday, 29 August 2020

Din hija il- Liturgija tat-Tnejn u Ghoxrin Hadd matul is-sena ( 2020 ) bi hsibijiet  min Joe Rapa.

Huwa skont in-natura li a'na nixtiequ, anzi, nixxennqu,
li ng'addu 'ajjitna hawn fil-kwiet, bla wisq tbatija, bla ma qatt jonqosna
xejn, u ng'ixu g'omor twil kemm jista’ jkun.
G'alhekk is-sa''a, il-flus, il-kumdità, in-nuqqas ta’ nkwiet saru
l-iktar affarijiet importanti g'al qalb il-bniedem.  Mhux ta’ b’xejn li l-bi  a l-kbira tat-talb tag'na
lil Alla huwa bba|at fuq dan u jirrifletti dak li nixtiequ u dak li nib|g'u
minnu.

Ir-reli!jonijiet tad-dinja kollha !ew imsawra fuq dan
it-t'annin tal-bniedem.  Minn meta
l-bniedem kien g'adu jg'ammar fl-g'erien hu 'ass li xi Id setg'ana kienet hemm
tmexxi kollox u g'alhekk kien jitlobha lil din il-qawwa misterju|a biex t'arislu
'ajtu mill-annimali selva!!i; biex t'arislu wkoll lill-annimali li kien immansa
u li kienu jaqduh; biex uliedu ma jmutulux |g'ar imma jikbru b’sa''ithom u biex
kemm in-nisa tal-klan tieg'u kif ukoll ir-raba’ tieg'u jkunu g'ammiela u jag'tu
'afna wlied u frott kotran.

Bil-mod il-mod beda jinduna li tkun 'a!a tajba li jsib
post sagru fuq xi g'olja li tkun eqreb lejn is-sema u hemm jibni spe i ta’
tempju fejn kien i'oss li dan Alla kien vi in u jisimg'u iktar. Imbag'ad kien
hemm b|onn li xi  'add je'odlu 'sieb dan
il-post u jmexxi l-laqg'at li kienu jsiru fih u hekk dehru persuni sagri,
qassisin.  U l-bniedem sawwar
“ir-reli!jon”.  Pajji|na jixhed g'al dan
li qed ng'id g'ax hu mog'ni b’numru kbir ta’ tempji megaliti i li kienu !a
je|istu qabel ma’ Alla nda'al f’'ajjet il-bniedem permezz ta’ Abraham.

Dawn ir-reli!jonijiet... g'ax nibtu numru mmens ta’
reli!jonijiet, b’kull !ens u tribù bl-alla jew allat tieg'u... 'afna drabi bdew
jidde!eneraw, propju g'ax kienu invenzjoni tal-bniedem, u 'afna minnhom spi  aw

bis-sagrifi  ji umani biex jippruvaw jimpressjonaw lill-allat u jaqilg'u dak li
kellhom b|onn ming'andhom.

Allura, r-reli!jon hija l-attentat tal-bniedem, kultant
ta’ min jammirah, imma kultant ta’ min jikkundannah fil-metodi tieg'u, biex
jag'mel kuntatt ma’ dan Alla misterju| li hu l-prin ipju, l-bidu ta’ kollox,
g'ax il-bniedem g'araf mill-bidu li wa'du ma setg'ax jg'ix fuq din il-pjaneta
mitlufa fi spazju mmens u mudlam.  Din
l-imbuttatura g'adha te|isti fil-bniedem g'ax hi naturali, tant li fl-istudji
tal-bniedem inag'tat isem: “ir-reli!jo|ità naturali”.

La hi naturali, jfisser li 'alaqha Alla, po!!iha Hu
f’qalb il-bniedem u hija tajba.  Hi l-intuwizzjoni
misterju|a li kull 'lejqa t'oss biex tfittex lil Alla.  I|da 'afna drabi “r-reli!jon” tesprimi
l-'erqat tal-bniedem g'al din il-'ajja biss, u g'alhekk ma ssolvilux
il-problema l-kbira li g'andu, li hi l-Mewt.
Jaqla’ kemm  jaqla’ grazzji
materjali ming'and Alla, irid jasal il-waqt li hu jisparixxi minn hawn u dak
kollu  li kien talab g'alih u qala’ jg'ib
fix-xejn.

G'alhekk kien hemm b|onn li issa, mhux il-bniedem ifittex
lil Alla, imma Alla ji!i jfittex lilu biex jifta'lu quddiemu l-orizzont
meravilju| tar-reb'a fuq il-Mewt.  Hu
jag'|el poplu, I|rael, biex fih jinkarna ru'U, jin|el jg'ammar f’la'am
il-bniedem fil-persuna ta’  esù ta’ Nazaret.
Il-Missjoni tal-Kristu, tal-Midluk ta’ Alla, ta’ Alla mag'mul bniedem
kienet, infatti, li jid'ol f’taqbida epokali mal-monstru tal-Mewt u jirb'ilha
darba g'al dejjem u hekk jie'u l-bniedem lura lejn l-ori!ini meta kien ma'luq
xbieha tieg'U.  Din it-taqbida li ni|el
g'aliha Alla g'andha isem: il-Misteru tal-G'id.

Il-Knisja t'abbar lill-bnedmin kollha li dan il-Misteru
tal-G'id se'' u r-reb'a ntreb'et b’risq tag'na lkoll.  Dan hu li jag'mel lil Kristjane|mu 'afna,
'afna iktar minn reli!jon.  “Reli!jon” =
sett ta’ kmandamenti li jekk tobdihom tie'u rigal, jekk le tie'u kastig.  Dan hu li jimmarka r-reli!jonijiet
kollha.  Din il-“moralità” tinsab ukoll
fil-Kristjane|mu, imma hu jmur lil hemm minn hekk g'ax il-Li!i falliet billi
l-ebda bniedem m’g'andu s-sa''a jkun !ust quddiem Alla.  Bil-Li!i biss, mitlufin a'na g'ax il-bi|a’
tal-Mewt i!ag'lu jkun egoista u jidneb u jer!a’ jidneb!

Il-Kristjane|mu hu “A'bar Tajba”.  Ir-reb'a fuq il-Mewt Kristu kisibha g'al
kul'add u hi Grazzja g'ax tinag'ta b’xejn lil kull min jemmen din
il-Bxara.  &afna jid'ku biha u jibqg'u

maqtug'in barra.  Imma dawk li jemmnuha
jsiru bnedmin !odda g'ax tikber fihom natura !dida mhux iktar be|ag'na mill-Mewt
g'ax huma konvinti li dak li kien ibe||ag'hom huwa gidba.  Din in-natura !dida hi l-istess wa'da ta’
esù li issa jg'ix g'al dejjem.

Imma biex kiseb g'alina din il-Glorja nfinita,  esù kellu
jg'addi mis-Salib.  Hu lilna !a rebb'ilna
kollox u !a salvana, imma sakemm g'adna f’din id-dinja nibqg'u su!!etti
g'at-tbatija, g'all-mard, g'all-in!ustizzja, g'al mumenti ta’ dieqa.  I|da
min tassew laqa’ l-A'bar ta’ Kristu g'andu t-tbatija, is-Salib tieg'u
imdawwal, jiddi, glorju|.  Fih jg'ammar
l-Ispirtu ta’ Dak li ma  jistax imut
iktar.  Fih hemm i|-|errieg'a tal-“Mewt
tal-Mewt”.  “Inbelg'et il-Mewt fir-reb'a.
Fejn hi ja  Mewt ir-reb'a tieg'ek?  Fejn hi, ja Mewt in-ni!!ie|a tieg'ek?”  (1 Kor. 15, 54-55).  Din l-g'ajta tal-g'a!eb ta’ San Pawl tidwi fil-profond ta’ kull bniedem mirbu' minn Kristu bil-Fidi.

V

In-Nisrani hu dak li, kif jg'id San  wann l-Evan!elista, “A'na nafu li g'addejna mill-mewt
g'all-'ajja; dan nafuh g'ax in'obbu lil 'utna; min ma j'obbx jinsab
fil-mewt.”  (1  w. 3, 14).  Dan
ifisser  li n-Nisrani jaf li hu mhu se
jmut qatt u li l- enna tibda minn hawn g'ax !o fih hemm l-Ispirtu s-Santu li
l-'in kollu jixhidlu li hu 'aj g'al dejjem.
Mhux l-istess, allura, t-tbatija tan-Nisrani u t-tbatija tal-pagan.  G'all-pagan, u anke g'al 'afna nies
“reli!ju|i”, is-Salib hu sa'ta u nfatti 'afna mit-talb tag'na hu b'al ta’ dawk
in-nies tal-g'erien: biex jitne''a s-Salib min-nofs.  I|da a'na m’a'niex b'alhom!  Kristu ma !iex g'alxejn fostna!  Hu ma batiex g'alxejn!  Ma mietx g'alxejn fuq is-Salib!  Ma g'affi!x il-Mewt tieg'i u tieg'ek
g'alxejn!

Pietru kien ja'seb li s-Salib hu sa'ta wkoll, u Kristu
qallu: “Itlaq minn quddiemi ja xitan,
g'ax m’intix ta'seb fuq il-'wejje! ta’ Alla, imma f’dawk tal-bnedmin!”  (Mk. 8, 33).
Miskin Pietru  kien g'ad ma kellux il-Mewt
mirbu'a.  Anke  eremija.  Ara kif anke l-iktar nies !usti kienu biss
“reli!ju|i”.  Imma min jemmen li Kristu
reba' il-Mewt tal-bniedem meta !ie lura mi - imiterju, m’g'adux iktar biss
“reli!ju|” i|da issa hu “Kristjan”, “Nisrani”, xbieha ta’ Kristu, Kristu
ie'or.  Xbieha ta’ Kristu mhux g'ax minna
nfusna a'na xi 'a!a, xi tikka a'jar mill-o'rajn;  minna nfusna. Imma g'ax b'al Kristu g'andna
l-Mewt mirbu'a.  Mhux a'na
rba'nielha!  Mur obsor.  Reba'ha Kristu b’risq tag'na... jekk a'na
nemmnuh dan.

Il-Litur!ija tal-Kelma tal-lum:

Qari I

Il-Kelma tal-Mulej saret
g'alija tag'jir u tmaqdir kuljum.

er 20, 7-9

Qari
mill-Ktieb tal-Profeta  eremija

Qarraqtni Mulej, u jien tqarraqt:

kont aqwa minni, u g'elibtni.

Jien sirt id-da'ka ta’ kuljum,

kul'add jiddie'ak bija.

Kull meta ni!i nitkellem, jien ng'ajjat,

u nxandar, “Mo'qrija u 'sara!”.

Il-kelma tal-Mulej saret g'alija

tag'jir u tmaqdir kuljum.

U jien g'edt: “Ma nsemmihx aktar,

ma nitkellimx aktar f’ismu”.

I|da f’qalbi hemm b'al nar jaqbad,

mag'luq f’g'admi.

G'ejejt in|ommu mag'luq !o fija,

ma nifla'x aktar g'alih.

Il-Kelma
tal-Mulej

R/. Irroddu 'ajr lil Alla

Salm Responsorjali

Salm 62 (63), 2.3-4.5-6.8-9

R/. (2b): G'alik imxennaq jiena, Mulej, Alla
tieg'i

Alla, Alla tieg'i int; lilek 'erqan infittex.

Ru'i bil-g'atx g'alik,

g'alik imxennaq jiena,

b'al art niexfa, ma'ruqa, bla ilma. R/.

G'alhekk !ejt narak fit-tempju mqaddes tieg'ek,

biex nitg'axxaq bis-setg'a u l-glorja tieg'ek.

G'ax it-tjieba tieg'ek a'jar mill-'ajja,

xufftejja jxandru t-tif'ir tieg'ek. R/.

G'alhekk inbierkek tul 'ajti kollha;

ng'olli idejja u nsejja' ismek.

B'al b’ikel mill-a'jar li jsemmen nimtela,

u jg'annilek fommi b’xufftejn ferrie'a. R/.

G'ax int kont g'ajnuna g'alija,

g'ad-dell ta’ !wen'ajk ng'anni bil-fer'.

Mieg'ek ting'aqad ru'i,

int tweļinni bil-leminija tieg'ek. R/.

Qari II

Offru !isimkom b'ala
vittma safja.

Rum 12, 1-2

Qari
mill-Ittra ta’ San Pawl Appostlu lir-Rumani

Nitlobkom
'uti, g'all-'niena ta’ Alla, offru !isimkom b’sagrifi  ju 'aj, qaddis, jog'!ob
lil Alla, ji!ifieri l-qima spiritwali tag'kom. Timxux max-xejra ta’ din
id-dinja, iļda nbidlu skond it-ti!did ta’ fehmietkom, biex ise''ilkom tag'rfu
x’inhi r-rieda ta’ Alla, x’inhu ttajjeb li jog'!bu, x’inhu perfett.

Il-Kelma tal-Mulej

R/. Irroddu 'ajr lil Alla

Akklamazzjoni
qabel l-Evan!elju

Efes 1, 17-18

Hallelujah. R/. Hallelujah

Alla ta’ Sidna  esù Kristu,

jag'tikom spirtu ta’ g'erf,

biex tag'rfu x’inhi t-tama tas-sej'a tag'kom.

R/. Hallelujah

Evan!elju

Jekk xi 'add irid ji!i warajja, g'andu ji 'ad lilu nnifsu.

Mt 16, 21-27

Qari mill-Evan!elju
skond San Mattew

F’dak i|-|mien,  esù
beda juri lid-dixxipli tieg'u li kien me'tie! g'alih li jmur  erusalemm, isofri
'afna mix-xju' u l-qassisin il-kbar u l-kittieba, joqtluh, u fit-tielet jum
iqum.

Pietru !ibdu lejh u beda
jlumu u jg'idlu: “Alla'ares, Mulej! Ma jkun qatt li dan jg'addi minn g'alik!”. I|da
 esù dar u qal lil Pietru: “Itlaq minn quddiemi, ja xitan! Int tfixkil g'alija,
g'ax m’intix tqis il-'wejje! ta’ Alla, imma qieg'ed ta'sibha ta’ bniedem li
int!”.

Imbag'ad
qal lid-dixxipli tieg'u: “Jekk xi 'add irid ji!i warajja, g'andu ji 'ad lilu nnifsu,
jerfa’ salibu, u jimxi warajja. G'ax min irid isalva 'ajtu, jitlifha, imma min
jitlef 'ajtu g'all-im'abba tieg'i, isibha. G'ax xi jkun jiswielu l-bniedem jekk

jikseb id-dinja kollha u mbag'ad jitlef 'ajtu? Jew xi prezz se jag'ti l-bniedem biex isalva 'ajtu? G'ax Bin il-bniedem g'andu ji!i fil-glorja ta’ Missieru flimkien ma’ l-an!li tieg'u, u mbag'ad irodd lil kull wie'ed skond ma wie'ed ikun g'amel”.

Il-Kelma
tal-Mulej

R/. Tif'ir lilek Kristu